**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000007/2023**
**lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà**
Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
**Samira Rafaela** (Renew), **Hilde Vautmans** (Renew), **Attila Ara-Kovács** (S&D), **Javier Nart** (Renew), **Michal Šimečka** (Renew), **Bernard Guetta** (Renew), **Olivier Chastel** (Renew), **Guy Verhofstadt** (Renew), **Urmas Paet** (Renew), **Marisa Matias** (The Left), **José Gusmão** (The Left), **Salima Yenbou** (Renew), **Assita Kanko** (ECR), **Karen Melchior** (Renew), **Fabio Massimo Castaldo** (NI), **Vlad Gheorghe** (Renew), **Petras Auštrevičius** (Renew), **Dragoş Tudorache** (Renew), **Frédérique Ries** (Renew), **Irène Tolleret** (Renew), **Yana Toom** (Renew), **Jordi Cañas** (Renew), **Kathleen Van Brempt** (S&D), **Charles Goerens** (Renew), **Nicolae Ştefănuță** (Renew), **Karin Karlsbro** (Renew), **Katalin Cseh** (Renew), **Ramona Strugariu** (Renew), **Cindy Franssen** (PPE), **Tom Vandenkendelaere** (PPE), **Tineke Strik** (Verts/ALE), **Jan-Christoph Oetjen** (Renew), **Sara Matthieu** (Verts/ALE), **Malik Azmani** (Renew), **Cornelia Ernst** (The Left), **Pascal Arimont** (PPE)

Suġġett: Sejħa għal strateġija Ewropea biex tiġi miġġielda d-diplomazija tal-ostaġġi

Għadd ta' ċittadini Ewropej qegħdin jinżammu ostaġġi mill-Iran u minn reġimi oħra u qegħdin jintużaw bħala pedini ta' negozjar. Iċ-ċittadini tagħna qed jiġu detenuti b'mod arbitrarju għal raġunijiet foloz u xi wħud ġew ikkundannati għal ħafna snin il-ħabs, għexieren ta' daqqiet bil-frosta jew saħansitra mewt.

L-aktar każ reċenti fl-Iran jinvolvi ċ-ċittadin Belġjan Olivier Vandecasteele. Huwa jingħaqad ma' lista dejjem tikber ta' detenuti bħal dawn, li tinkludi wkoll lil Cécile Kohler u Jacques Paris ta' Franza, Ahmadreza Djalali tal-Iżvezja u għexieren ta' ċittadini oħra tal-UE. Mill-2010 'l hawn, mill-inqas 66 ċittadin barrani jew persuni b'ċittadinanza doppja Iranjana ġew detenuti mir-reġim Iranjan[1]. Eżempju ewlieni huwa dak ta' Nazanin Zaghari-Ratcliffe, li nħelset biss wara li l-Gvern Brittaniku ħallas mijiet ta' miljuni ta' euro bi skambju[2].

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2023 dwar l-eżekuzzjonijiet u l-protesti fl-Iran ikkundannat bil-qawwa dan il-fenomenu u appellat għall-ħelsien immedjat ta' Vandecasteele u detenuti oħra[3].

Madankollu, l-Istati Membri weħidhom spiss ma jkollhomx biżżejjed influwenza biex jiġġieldu l-ksur orribbli tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, peress li jsibu ruħhom obbligati jħallsu somom kbar ta' flus jew jiskambjaw terroristi kkundannati maċ-ċittadini tagħhom stess[4].

Għalhekk, nappellaw għal strateġija Ewropea biex tiġi miġġielda d-diplomazija tal-ostaġġi, inkluża task force speċjalizzata li tista' tittratta b'mod effettiv liċ-ċittadini tal-UE li qed jinżammu ostaġġi mill-Iran u minn reġimi oħra. L-Iran u reġimi oħra li jużaw id-diplomazija tal-ostaġġi jistgħu jitwaqqfu biss permezz ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE; nistgħu nipproteġu liċ-ċittadini tagħna biss jekk naħdmu flimkien. Konsegwentement:

1. X'jista' jagħmel il-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jipproteġi liċ-ċittadini tal-UE minn reġimi barranin ostili?

2. Il-Viċi President u r-Rappreżentant Għoli se jimplimenta strateġija koordinata biex tiġi miġġielda d-diplomazija tal-ostaġġi?

3. Il-Viċi President u r-Rappreżentant Għoli jaqbel li huwa meħtieġ approċċ koordinat tal-UE sabiex tiġi adottata pożizzjoni aktar b'saħħitha kontra dawn ir-reġimi?

---

1 https://repository.essex.ac.uk/32304/.
2 https://www.bloomberg.com/opinion/articles/2022-03-16/the-bill-for-nazanin-zaghari-ratcliffe-s-freedom-about-530-million.
3 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0016_MT.html.
4 https://www.brusselstimes.com/248574/vub-professor-djalali-might-be-exchanged-for-iranian-terrorist-convicted-in-belgium.

Imressqa: 27.2.2023

Skadenza: 28.5.2023